MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 2092/1999/1

**Paul Vassallo**

**vs**

**Monika Vassallo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Settembru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fid-29 ta' Novembru 1982 fil-Knisja Parrokjali ta' San Giljan (Dok. "A");

Illi il-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi *inoltre* l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-29 ta' Novembru 1982 huwa null u bla effett fil-ligi;

Illi l-istess attur talab li din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Novembru 1982 huwa null u bla effett legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 u sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Monika Vassallo, datata 17 ta' April 2000, a fol 11, fejn ecceppiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

2. Illi ma jezistux ragunijiet skond il-ligi biex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null u bla effett. Di fatti, l-ewwel seba' (7) snin taz-zwieg kienu snin hienja, u s-sitwazzjoni nbidlet wara li l-attur ikkommetta adulterju u dahlet mara ohra f'hajtu;

3. Illi salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista xhieda a fol. 12 u fol. 13 tal-process.

Rat it-talba tal-konvenuta Monika Vassallo ghall-Ghajnuna Legali datata 10 ta' April 2000, a fol. 15.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 10 ta' April 2000, fejn il-Qorti laqghat it-talba w assenjat lir-rikorrenti bhala difensuri l-Avukat Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici.

Rat il-verbal datat 19 ta' Mejju 2000, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Marse Anne Farrugia biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 20 ta' Novembru 2000, fejn giet prezentata nota mill-Perit Legali.

Rat in-nota tal-Perit Legali a fol 21 tal-process, li permezz taghha ezebit rendikont tas-seduti li lahqet zammet sal-20 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-attur datata 9 ta' April 2001, a fol 24, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 2 ta' Novembru 2001, fejn il-Qorti ordnat lill-attur biex jaghmel depozitu ta' Lm150 ghar-rapport.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Marse Anne Farrugia, a fol 31 tal-process.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 22 ta' Frar 2002, fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-22 ta' Mejju 2002.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Marse Anne Farrugia, datata 22 ta' Frar 2002, a fol 34.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Marse Anne Farrugia, datata 10 ta' Mejju 2002, a fol 36.

Rat il-verbal datat 22 ta' Mejju 2002, fejn il-Qorti ordnat lil Perit Legali biex fil-mori tad-differiment tiffissa erba' seduti ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat ir-rikors tal-attur datat 18 ta' Ottubru 2002, a fol. 44, fejn talab bir-rispett illi *ai termini* tal-**artikolu 156 (7) tal-Kap. 12** din il-Qorti tawtorizza l-ammissjoni tax-xhieda ta' Dr. Abraham Galea u tghaddi sabiex *ai termini* tal-**Artikolu 588 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tilliberah mis-sigriet professjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 21 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti orndat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 12 ta' Novembru 2002, a fol 47, fejn il-Qorti rat li ma dahhlitx risposta u laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-Perit Legali, datata 25 ta' Ottubru 2002, a fol 48 tal-process.

Rat il-verbal datat 7 ta' Novembru 2002.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Marse Ann Farrugia, datata 20 ta' Frar 2003, a fol. 53 tal-process.

Rat il-verbal datat 6 ta' Marzu 2003, fejn Dr. Tanya Sammut ghall-attur infurmat lil Qorti li l-partijiet ghalqu l-provi u l-Perit Legali ghandha tirrelata.

Rat ir-rikors tal-konvenuta Monika Vassallo, datat 7 ta' April 2003, a fol. 58, fejn talbet bir-rispett illi din l-Onorabbli Qroti jogghobha taghitha aktar zmien ghall-prezentata tan-nota tal-osservazzjonijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 8 ta' April 2003, a fol. 59, fejn il-Qorti laqghat it-talba u estendit iz-zmien ghal tali nota b'20 gurnata mid-data tad-digriet.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali minn fol. 60 sa fol. 131 tal-process.

Rat il-verbali datati 8 ta' Mejju 2003 u 15 ta' Mejju 2003.

Rat il-verbal datat 18 ta' Gunju 2003, fejn il-Perit Legali Dr. Marse Ann Farrugia halfet ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Marse Ann Farrugia minn fol. 136 sa fol. 171 tal-process.

Rat il-verbal datat 29 ta' Ottubru 2003, fejn id-diffensuri tal-partijiet talbu li jaghmlu nota tal-osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba pprefiggiet terminu ta' 50 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu 50 gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix prezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuta jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in *difett'ostakolo* ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat li l-ebda wahda mill-partijiet ma pprezentat l-ebda nota ta' osservazzjonijiet.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **Paul Vassallo** fl-affidavit tieghu li gie prezentat permezz ta' nota datata 9 ta' April, 2001, jghid:-

*"Illi nghid illi jiena kont ltqajt mal-konvenuta gewwa l-hanut "Napoleon's Pub" li jinsab gewwa Ball Street, Paceville, liema hanut tax-xorb niggestixxih jiena stess. Hija kienet giet ma' habiba taghha, sirna hbieb u bdejna nohorgu flimkien. Domna xi sena nohorgu flimkien u ddecidejna illi nizzewgu sitt xhur wara. Wara xi tmien xhur bdejna nidhlu ghand id-djar tal-genituri rispettivi taghna ghax darba*

*minnhom jiena kont ma' niflahx u kienet giet tarani d-dar ta' ommi;*

*Illi nista' nghid illi ftit li xejn konna niltaqghu. Il-konvenuta kienet tahdem bhala courier u peress illi gieli kienet tahdem bil-lejl, hija mhux dejjem kienet tigi zzurni l-Bar. Il-harga taghna kienet tkun in-Napoleon's Pub jew xi drabi konna mmorru niehdu drink f'xi pub iehor. Ghalhekk, waqt l-gherusija ma' tantx konna niltaqghu minhabba il-hinijiet tax-xoghol taghna;*

*Illi l-preparamenti taz-zwieg taghna kienu saru f'sitt xhur u niftakar illi konna morna ghand il-Kappillan ta' San Giljan u konna nfurmajnieh bid-data taz-zwieg taghna;*

*Ghal bidu taz-zwieg konna krejna appartament gewwa Paceville u domna nghixu fih xi xaharejn. Imbaghad omm il-konvenuta, Phyllis Spiteri kienet offritilna sabiex immorru nghixu maghha peress illi hija kienet tinsab separata minn ma' zewgha u ghalhekk kienet tirresjedi wehidha. Sussegwentement, ommha ddecidiet li titlaq mid-dar taghha u sabet residenza ohra gewwa tas-Sliema. Ghalhekk, ahna spiccajna noqghodu gewwa d-dar ta' ommha minghajr ma' tajniha kumpens;*

*Illi ghamilna seba' snin nghixu hemmhekk u l-konvenuta baqghet tahdem blala courier sakemm kellna tifla, bl-isem ta' Cheryl, li illum ghandha sittax-il sena, filwaqt illi jiena komplejt niggestixxi il-hanut tax-xorb;*

*Illi kull cans li kien ikolli kont immur id-dar pero' l-konvenuta kienet pussessiva fil-konfront tieghi u kienet dejjem tissuspetta fiha. Jiena ma' kontx infittex relazzjonijiet ma' nisa ohra pero' ma' kontx nkun nista' nikkonvinciha dwar dan minhabba l-ossessjoni illi kellha illi jiena kont ser nohrog ma' xi mara ohra. Jiena kont nispjegalha illi x-xoghol tieghi kien jinvolvi illi nissocjalizza ruhi man-nies minhabba n-natura tax-xoghol tieghi. Xi drabi kont nixtieq immur il-Ground tal-Football jew biex nara xi tigrijiet taz-zwiemel u l-konvenuta kienet tgerger u fl-ahhar ma' kontx immur jew nohrog bl-inkwiet;*

*Illi nghid illi hafna drabi, madwar xi erba' darbiet fil-gimgha kont immur lura lejn id-dar qabel il-hin u l-hanut kien jaghlqu t-tifel ta' ohti, Michael Sultana, illi kien jahdem mieghi bhala Barman u dan biex il-konvenuta ma' tgergirx dwar il-hinijiet tax-xoghol. Nippreciza illi meta kont indum sal-ahhar u kont naghlaq jiena stess kont indum sas-saghtejn ta' fil-ghodu, sakemm jitilqu n-nies u naghmel xi xogholijiet fil-hanut, filwaqt illi meta kien jaghlaqli l-hanut Michael Sultana, jiena kont immur lejn id-dar ghal xi nofs il-lejl u dan bil-ghan illi nqatta' hin mal-konvenuta. F'okkazzjonijiet ohra jiena u l-konvenuta konna nohorgu u t-tifel ta' ohti kien jiehu hsieb il-hanut;*

*Illi nghid ukoll illi waqt iz-zwieg, il-konvenuta kienet tbati minn ugigh kbir f'rasha u ghalhekk konna ghamilna appuntament ghand il-Psikjatra Abraham Galea u maghna kienet giet anke' omm il-konvenuta. Niftakar illi il-konvenuta ma' kinitx riditni nidhol ghal vista maghha u ghalhekk filwaqt illi ommha dahlet maghha jiena kont bqajt barra. Meta il-konvenuta harget jiena kont staqsejtha x'kellha u hija kienet qaltli illi l-Psikjatra kien ippreskrivilha xi pilloli;*

*Illi nghid illi dawn il-pilloli qatt ma' rajthom ghax hija kienet tahbihom minni u kull meta kont nistaqsiha x'kienu dawn il-pilloli hija ma' kinitx tirrispondini. F'xi okkazzjonijiet specjalment fil-ghodu, kont naraha tehodhom dawn il-pilloli. Kont insaqsiha xi thoss pero' hija kienet tghidli li m'ghandha xejn u ghalhekk ghadni sal-gumata ta' llum ma' nafx x'kellha;*

*Illi mhux l-ewwel darba illi omm il-konvenuta kienet tippreparali l-ikel u ggibuli l-hanut matul il-gurnata. Nghid illi il-konvenuta kienet taghmel perjodu ssajjar u tiehu hsieb id-dar u l-familja u kienet imbaghad taghmel perjodu iehor ma' taghmel xejn. Jiena dan l-atteggjament ma' kontx narah normali u gieli kont insaqsieha x'kienet ir-raguni ghal dan l-agir. Pero' hija qatt ma' kienet ittini spjegazzjoni ta' dan;*

*Illi darba minnhom meta rritornajt lura lejn id-dar wara li ghalaqt il-hanut tax-xorb, sibt boroz kbar tal-plastik*

*quddiem il-bieb ta' barra u x'hin ftahthom indunajt illi fihom kien hemm il-hwejjeg personali tieghi. Jiena ppruvajt niftah il-bieb bic-cavetta pero' ma' rnexxilix nidhol ghax il-bieb kien imsakkar minn gewwa. Imbaghad, bdejt nisma' lil konvenuta tghidli "Itlaq ma ghandhiex bzonnok" u ghalhekk qbadt il-hwejjeg u mort gol-karozza, fejn qattajt il-lejl u ghamilt xi jumejn norqod il-hanut. Jiena hassejt rabja kbira u fl-istess hin ugigh ta' qalb minhabba din l-azzjoni li kienet ghamliti minghajr ebda raguni ta' xejn u minghajr ma' spjegatli 'l ghaliex;*

*Din ma' kinitx l-ewwel darba illi ghamlet kummidji quddiem il-pubbliku, u din id-darba ma' stajtx nissaporti aktar. Wara illi kien ghadda xahar u jiena bdejt noqghod id-dar ta' ommi, bdejt nara lill-konvenuta tohrog Paceville u kienet tkun fil-kumpanija tal-irgiel. Jiena minn naha l-ohra ma' kontx nohrog ma' nisa ohra, pero' kif rajt lilha fil-kumpanija ta' rgiel ohra, jiena indunajt illi ma' kienx hemm xejn aktar bejnietna u bdejt relazzjoni ma' mara ohra illi ghadni maghha sal-lum u li minn din ir-relazzjoni ghandi zewgt itfal;*

*Illi nghid ukoll illi anke' l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' terza persuna li maghha tikkoabita u dan nafu glaliex hija toqghod vicin tar-residenza ta' ommi u kemm jiena u kif ukoll il-familjari tieghi jaraw lil din it-terza persuna fir-residenza ta' marti. In oltre, anke' it-tifla tieghi stess tghidli illi dan ir-ragel joqghod maghhom".*

Illi l-konvenuta **Monika Vassallo** xehdet:-

*"Illi meta ltqajt ma' l-attur jiena kelli circa wiehed u ghoxrin sena u l-attur kellu xi circa tmienja u ghoxrin sena. Domna gharajjes xi sentejn. Jiena kont narah xi ftit 'rough' ghalija, ppruvajt inhassar minn mieghu, izda hu kien jibqa' jigri warajja. Nispjega wkoll li kien hemm differenza fil-klassi socjali. Jiena kont nahdem bhala courrier, li kien jehodli hafna hin. Hu kien jahdem fuq l-oil rigs u kellu paga tajba, pero' ma kienx ikun hafna hawn Malta;*

*Illi nghid illi l-genituri tieghi ma kinux kuntenti u lanqas hbieb tieghi minhabba relazzjoni tieghi mieghu. Huma kienu jghiduli li jarawh 'ta' qattani' u dejjem kienu jghiduli 'Li ma kellix x'naghmbih ghaliex igibni fit-trouble'. Fil-fatt kelli hbieb tieghi li ma baqghux ikellmuni fuq hekk;*

*Illi ahna konna ninhabbu hafna hafna u kien ghalhekk li zzewwigna. Din hija l-verita;*

*Illi l-attur kien jahdem xahar Malta u xahar il-Libja. Jiena xtaqt inhassar l-gherusija ghal raguni wahda, u dan ghaliex kont narah jixrob, altrimenti l-karattru tieghu mieghi kien sabih. Hu kellu karattru differenti min-nies l-ohra li kont naghmilha maghhom, kien gentili u jipprova jikkuntentani. Kien ghalhekk li kien jattirani; ghaliex 'he was very pleasant'. Pero kellu klikka minn Hal-Qormi li kienu differenti, li kienu dejjem jixorbu n-Napoleon's Pub. Nispjega li meta kien jigi minn barra konna mmorru n-Napoleon's Pub anki sakemm jiena inkun qed nistenna xi flight. Ahna ma konniex inqattghu hafna hafna hin flimkien, ghax jiena kelli x-xoghol tieghi u hu kellu l-impenji tieghu. Konna mmorru niehdu drink flimkien u daqshekk. Imbaghad immur ix-xoghol;*

*Illi nispjega li waqt l-gherusija, konna niltaqghu waqt il-hinijiet tax-xoghol ta' xulxin, hu jigi hdejja u jiena mmur hdejh. Nghid li meta konna niltaqghu, hu dejjem kien ikollu xi xorb f'idejh, anki meta jigi jakkompanjani x-xoghol. Hu kien ikun irid il-whiskey meta johrog mieghi – jista' jkun anki minhabba misthija ghaliex ma narahx bniedem alkoholiku. Imbaghad, kien ikompli jixrob. Qatt ma ghajjat mieghi jew sawwatni, pero', lanqas meta konna mizzewwgin. Pero' li jirremetti fuq is-saqqu iva;*

*Illi fis-sakra quddiemi qatt ma rajtu, pero' kont narah happy. Pero' meta konna mizzewgin, kien jigi d-dar xurban u jinstabat fuq is-sodda jirremetti;*

*Illi waqt l-gherusija kien kwiet, kalm, u jixtrili kollox. Gieli raqadli wara l-bieb. Hu kien jghix ma' ommu. Jiena dak iz-zmien kelli wiehed u ghoxrin sena u ma ndunajtx bil-problema li kellu. Nghid illi qabel jiena kont gharusa ghal*

*hames snin u nofs, izda hassart ghaliex ma kontx inhobbu. Iltqajt ma' l-attur xi sentejn wara;*

*Illi waqt l-gherusija ma hassejt problema xejn, anzi nghid li kienet kwazi 'buzz'. Il-hrug taghna kien drinks u disco. Hu ma kienx jigi d-dar tieghi, pero' jiena kont immur ghand ommu;*

*Illi ahna ppreparajna biex nizzewgu l-ahhar sitt gimghat qabel izzewwigna. Hu talabni biex nizzewgu u jien accetajt. Kellna tieg sabieh. Ahna konna morna ghand il-Kappillan u ghidnielu li ridna nizzewgu u hu qalilna li ridna nistennew sitt gimghat. Jiena kont ghidt lil ommi, qabel morna ghand il-Kappillan, hi pero bezghet ghax id-deherha tieghu kienet daqsxejn 'rough'. Fil-fatt hu kien jahdem ta' 'roughneck' fuq l-oil rigs. Lili laqatni ghax kien differenti;*

*Illi pero' wara li zzewwigna ommi 'fell in love with him' u kienet u ghadha thobbu u tirrispettah sal-gurnata tal-lum. Fil-fatt nghid li anke' hbiebi u l-familja tieghi saru jhobbuh;*

*Illi meta zzewwigna ma morniex honeymoon, u krejna flat hdejn in-Napoleon. Hemmhekk ghamilna xi sena u mbaghad morna noqghodu go flat iehor li kien tal-mama' u li kienet se tohrog minnu;*

*Illi l-ewwel seba' snin iz-zwieg kien perfett, pero' ix-xorb kien qed idejjaqni u kont nghidlu biex inehhi l-pub biex jirranga l-hinijiet tax-xoghol u jnaqqas mix-xorb. Jiena kont offrejtlu li anki mmur nahdem jiena minflok, sakemm insibu xoghol. Mistoqsija jekk kontx incempel il-hanut, nghid li hlief meta dahlet mara ohra, jiena ma kontx incempel. Il-hanut kien jaghlqu xi s-saghtejn ta' fil-ghodu, u jidhol fis-sodda bir-riha tax-xorb. Gimgha wara z-zwieg gie d-dar fis-sakra fis-sitta ta' fil-ghodu. Jiena mort id-dar ghand ommi, li qaltli ahjar tissepara issa;*

*Illi nghid illi anki kieku rrealizzajt bil-problema waqt l-gherusija, xorta kont nizzewgu ghax kont inhobbu. Il-problema kienet iddejjaqni, pero' kienet supportabbli sakemm ma kienx hemm nisa ohra. Nghid li ahna ma*

*konniex nohorgu, ghax hu dejjem ried imur il-pub in-Napoleon. Jiena kont inkun irrid nohrog mat-tifla u l-familja, pero' hu ma kienx irid;*

*Illi nghid illi anki meta nhares lura nibqa' nghid illi minkejja d-difetti jiena kont inhobbu u xorta lilu kont nizzewweg. Nghid illi minkejja kollox, jekk jerga' jigi llum jiena naccettah, minkejja li abbanduna t-tifla. Li ghamel lili kollox ninsa;*

*Illi t-tifla Cheryl twieldet fil-1986, jigifieri wara qiesu erba' snin zwieg. L-attur kien hafna ferhan bit-tifla. Waqt id-disa' xhur tat-tqala qaghad hafna iktar bil-ghaqal, jipprova jghin izjed u joqghod mieghi u ma jmurx hafna il-hanut. Wara li twieldet it-tifla bqajna bl-istess hajja – bl-imhabba kollha li kellna. Kien jirrispettani u jixtrili kollox li nixtieq, djamanti, karozzi kollox, basta jarani kuntenta. Nghid li ahna problema ta' flus ma kellniex, sa fejn naf jien;*

*Illi l-hajja sesswali bejnietna kienet tajba hafna. Jiena kont nafdah hafna li mhux se jmur ma' mara ohra avvolja f'dak ix-xoghol, ghax hu kien jitkaza. In-nisa li kienu imorru l-hanut kienu ibezzghuni, fis-sens li kont nibza' li jittantawh. Ahna kellna kollox tajjeb fiz-zwieg taghna. Jekk ried xi haga minni dejjem ikkuntentajtu. Per ezempju kont insajjarlu l-laham taz-ziemel. Nghid li anki meta ommu ma kinitx issajjar il-missieru – ghaliex ma tantx kien hemm relazzjoni tajba bejniethom – jiena xorta kont nibghat il-borom ta' l-ikel u l-fniek lil missieru. Jiena kelli relazzjoni tajba ma' ommu u mal-familja tieghu kollha. Ma kellniex problemi familjari;*

*Illi xi seba' snin wara z-zwieg, l-attur beda jinbidel, u bdejt ninnota li r-relazzjonijiet taghna bdew jiehzienu. Bdejt nissuspetta li dahlet mara ohra. Fil-fatt innutajt li meta kont ninzel in-Napoleon kien ikun hemm mara li malli nidhol jien, twaqqa' l-bank u titlaq il-barra. Meta kont insaqsi lill-attur xi gralha qatt ma tani sodisfazzjon. Darba niftakar konna ggielidna fin-New Year, u mbaghad mort il-hanut to make-up u gie ibusni. Hi meta rat hekk waqqat il-bank, u telqet tidghi u tghajjat fit-toilet. Kulhadd baqa' jhares lejha. Din it-tifla kellha xi dsatax-il sena. U jiena*

*kelli disa' u ghoxrin u ragel seba' u tletin sena. Jiena kont naf li jisimha Sonia. Nghid illi jiena qatt ma ssusspettajt fiha, ghaliex kienet hoxna u kerha. Meta ghidtlu wara li qaluli li qieghed maghha hu wegibni 'Jaqq ma' dik ?'*

*Illi mbaghad ftit granet wara gie guvni ihabbatli l-bieb. Sa dan it-tant ahna fin-New Year konna 'happy' u rrangajna kollox. Jiena ma kontx naf min hu, u qalli li kien hemm tfajla li jisimha Sonia li kienet qieghdha tittanta r-ragel, u dejjem tkun il-hanut. Wara hafna snin irrealizzajt li probabilment kienet baghtitu Sonia, billi qalli li hu kien l-gharus taghha, meta fil-fatt wara sirt naf li hi ma kinitx gharusa. Dan qalli li hlief hdejh in-Napoleon ma tridx toqghod. Fil-fatt, nghid li r-ragel kien qalli biex ma nibqax ninzel in-Napoleon;*

*Illi jiena rrabjajt u cempiltlu u ghidtlu jekk hemm bzonn ikecciha mill-hanut. Hu wegibni li hu ma setgha jkecci lil hadd mill-hanut. Jiena ghidtlu li jekk mhux se jkecciha se nkecci lilu. Ghalhekk qbadt hwejgu poggejthom wara l-bieb u cempiltlu biex jigi ghall-hwejjgu. Hu cahad li kellu relazzjoni maghha. Jiena tfajtu l-barra b'rabja mhux biex nissepara minn mieghu. Jiena hsibt li wara gimgha, hmistax kien se jirritorna lura, jekk mhux ghalija ghat-tifla. Pero' hu qatt ma gie lura. Domt sentejn nghidlu biex jigi lura, kull meta jigi ghat-tifla, pero' mbaghad wara sentejn ma bqajtx nghidlu izjed;*

*Illi madankollu, Sonia fallielha, ghax hasbet li se tkun is-sinjura Mrs. Sonia Vassallo bil-furijiet, id-djamanti u l-porsche' li kelli jien. Ghalhekk haditu ghax hasbet li kien xi sinjurun. Imma x'gara, ara llum, min hi s-sinjura. Pawlu tax-xarabank u Sonia l-Qrendi, jew Pawlu l-King tan-Napoleon jew Monika ?*

*Illi nghid illi ahna preparazzjoni ghaz-zwieg ma kellniex. Il-kors ta' Kana ma ghamilnihx u ma kellniex zmien bizzejjed ta' gherusija biex inkunu nafu lil xulxin, fis-sens li ghalkemm domna sentejn flimkien ma ghamilnix perjodu bizzejjed twil biex ikollna relazzjoni stabbli;*

*Illi nghid ukoll li wara z-zwieg jiena hadt ir-rwol tieghi ta' mara mizzewga, pero' hu baqa' qisu guvni, fis-sens li baqa' bil-klikka tal-hbieb tieghu fil-hanut tieghu. Ma kienx bniedem li wara x-xoghol johrog il-familja, izda wara x-xoghol imur id-discos mal-hbieb. Hu kien jispicca tard ix-xoghol, circa fit-tlieta ta' fil-ghodu, seba' granet fil-gimgha. Jiena qatt ma hassejtni mizzewga. Jiena kont noqghod id-dar;*

*Illi jiena qabduni hafna dwejjaq minhabba l-komportament tar-ragel pero' qatt ma hadt xi medicini ghalhekk meta kont nghidlu li kont imdejqa, kien jinjorani jew jghidli biex immur ghand tabib. Jiena ma niftakarx li mort ghand psikjatra. Li niftakar hu li hu kien jixrob hafna alcohol, u 'he was driving me nuts' specjalment billi jiena ma nixrobx;*

*Illi wara li sseparajna, ir-ragel ma tax iktar kaz it-tifla u l-anqas baqa' jigi jaraha jew jaghmel kuntatt maghha;*

*Illi l-ewwel nett nghid illi jiena gejt hawn, ghax altrimenti l-avukat difensur ta' l-attur ittellghani bil-marixxal. Jiena m'ghandhix interess fl-annullament minhabba l-ispejjez tieghu".*

## ii) <u>PRINCIPJI LEGALI</u>

Illi mill-premessi fic-citazzjoni, l-attur qed jibbaza it-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg fuq l-ewwel parti tas-**subincizi (d) ta' l-artikolu 19 (1) u fuq is-subinciz (f) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap 255**, u cioe':

*"li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha";*

*"li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi l-premessa tal-attur li l-partijiet ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg hija ekwipollenti ghall-premessa li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi tajjeb li jigu hawn diskussi l-principji legali li jirregolaw kull wiehed minn dawn ir-ragunijiet ta' nullita' taz-zwieg.

***<u>(a) Artikolu 19 (1) (d) (l-ewwel parti): Difett Serju ta' Diskrezzjoni ta' Gudizzju</u>***

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni***:-

*"Il-matrimonio, in quanto patto ossia "foedus"....richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta', dato che.... si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**<u>Forum</u>, 1990,** Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero', kif ga inghad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio' che comporta il-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce*

*piu' appropriato l'uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (***Pompedda***, *M.F.,* **Il Consenso Matrimoniale** in Grocholewski-Pompedda-Zagglia, **Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46). Propju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini,*** d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso....La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita affettiva....La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* (**Il Diritto Canonico Matrimoniale** Elle Ci Di (Torino) 1994 p. 97).

Illi l-istess awtur, imbghad, ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita' taz-zwieg: *"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e' ordinato all'assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l'esistenza con un contratto perpetuo e irrescindibile che*

*comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio; e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnhekk wiehed ghandu jippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli: *"....se il soggetto non e' in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e' stata libera; lo sara' invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un'affettivita' non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara' stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia....In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole"* ***(Pompedda, M.F.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li: *"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (**"Matrimonial Consent" in Code of Canon Law Annotated,** Caparros, E, et al. eds. Wilson & Lafleur (Montreal) 1993 p. 686).

Illi l-gurista ***Davino*** jghid li: *"[I]t seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within"* (kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta tal-11 ta' Mejju, 1990, ***coram* Bajada, *Forum* 2** (1991)2 pp. 173-174).

Illi skond ***Pompedda***, tali *"discretio vel maturitas judicii"* timplika tlett elementi ben definiti: *"....una sufficiente conoscenza intelletuale circa l'oggetto del consenso; il raggiungimento di una sufficiente valutazione proporzionata al connubio, ossia una conoscenza critica; e infine la liberta' interna, cioe' la capacita' di deliberare con sufficiente valutazione dei motivi e con autonomia*

*della volonta' da qualsiasi impulso interno determinante"* (ara, **<u>Forum</u> 2 (**1991)2, p. 174).

Illi l-istess ***Pompedda*** jghid ukoll li *"l'incapacita' di cui si parla soltanto allora si verifichera' quando uno o entrambi i nubendi siano affetti da grave difetto di discrezione di giudizio, cioe' da grave carenza critico-valutativa circa l-oggetto del consenso. Quindi non una qualsiasi lacuna, non una qualsiasi leggerezza o fragilita' psichica puo' indurre tale incapacita'"* (op. cit., p. 230).

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Illi dan l-insenjament fuq dan il-*caput nullitatis* abbracjat ukoll fis-segwenti sentenzi ta' dawn il-Qrati u tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri"** (deciza fil-4 ta' Novembru 1994), **"Nicholas Agius vs. Rita Agius"** (deciza 25 ta' Mejju 1995), **"John sive Ivan Sammut vs. Michelle Sammut"** (deciza 22 ta' Gunju 1995), **"Janet Portelli vs. Victor Portelli"** (deciza 14 ta' Awissu 1995), **"Carmelo Saliba vs. Mary Saliba"** (deciza 14 ta' Awissu 1995), **"Evelyn Agius vs. John Borg"** (deciza 4 ta' Ottubru 1995), **"Robert Attard vs. Josephine Attard"** (deciza 8 ta' Ottubru 1995), **"Lorna Frendo vs. David Camilleri"** (deciza 18 ta' Ottubru 1995), **"Carol Falzon vs. Dr. Raymond Zammit et noe"** (deciza 30 ta' Ottubru 1995), **"Emanuel Camilleri vs. Carmen Camilleri"** (deciza 10 ta' Novembru 1995), **"Isabelle Zarb v. Stephen Attard"** (deciza 21 ta' Novembru 1995), **"Michelina Micallef vs. Amabile Buttigieg"** (deciza 19 ta' Dicembru 1995), **"Christine Theuma vs. Simon Spiteri"** (deciza 22 ta' April 1996), **"Natalina Mifsud vs. Perit Joseph Pace"** (deciza 16 ta' Settembru 1996), **"Selina-Maria Vella Haber vs. Joseph Gatt"** (deciza 15 ta' April 1996), "**Raymond Borg vs. Vivien Zammit"** (deciza 11 ta' Dicembru 1996), **"Alfred Tonna vs. Maria Tonna"**

(deciza 31 ta' Jannar 1996) u **"Josette Spiteri vs. George Spiteri"** (deciza 22 ta' Novembru 1996) u diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti hekk presjeduta.

***(b) <u>Artikolu 19(1) (f): "Eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg":</u>***

Illi ghall-fini ta' dana l-Kap. ta' nullita' u b'referenza in partikolari ghall-kaz in dezamina, dak li jrid jigi ppruvat sal-grad li trid il-ligi taghna hu li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li jeskludu iz-zwieg innifsu jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga jew li jcahhad lill-parti l-ohra mid-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha **"Anna Galea v. John Walsh"** (deciza 30 ta' Marzu 1995):

*"L-**artikolu 19 (1) tal-Kap. 255** jipprovdi, fost kazijiet ohra, li zwieg ikun null "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-<u>eskluzjoni</u> <u>pozittiva</u> taz-zwieg innifsu, <u>jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga</u>, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg" (sottolinear tal-Qorti). Ma hemmx dubbju li l-legislatur Malti, meta ifformula dana l-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzjali u dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sa l-1981, cioe' meta l-**artikolu 19** allura esistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti llum. In fatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:*

*"At si alterutra vel utraque pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliquod elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrahit."*

Illi hawn qieghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cioe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano*** (Castano, J.F., **Il Sacramento del Matrimonio,** Roma, 1992, p. 382):

*"In generale si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della "totalita'" matrimoniale, cioe' del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam proprietatem. Ad ogni modo, si tratti della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l'effetto sulla validita' del matrimonio, non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue i casi e' sempre invalido."*

Illi l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' volonta' jew in-nuqqas ta' kunsens dwar xi element essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' pozittiva li teskludi tali element essenzjali: *"Noi crediamo che l'espressione in questione voglia dire che non e' sufficiente la mancanza (assenza) dell'intenzione di escludere, ma e' necessaria la presenza (esistenza) di detta intenzione....Quindi non basta che esista il nolle, ma si richiede il velle non. Solo cosi' siamo davanti ad un atto poistivo di volonta'"* (***Castano***, op.cit. p.384)."

Illi la l-legislatur Malti u anqas dak kononiku ma enumeraw l-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga. Pero', fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs. Joseph Spiteri"**, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili diga kellha l-okkazzjoni tosserva dan li gej fil-kuntest tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255** ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni*

*fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be <u>mutual</u>, <u>permanent</u>, <u>continuous</u>, <u>exclusive</u> and <u>irrevocable</u> so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.**,* **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** *(Montreal, 1993), p. 687).*

*[….] din il-Qorti tosserva li ghall-fini ta' dana l-kap ta' nullita', u b'referenza in partikolari ghall-kaz in dizamina, dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'l fuq imfisser ossia li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens -- basta li l-Qorti tqishom, <u>fic-cirkostanzi</u> <u>kollha</u> <u>tal-kaz</u>, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cioe' ghaz-zwieg."* (enfasi tal-Qorti)

Illi sentenzi ohrajn li jikkonfermaw it-taghlim fuq imsemmi dwar is-simulazzjoni huma: **"John Borg vs. Paula Borg",** Prim'Awla (deciza 22 ta' Mejju 1995), **"Dr. Stephen Muscat vs. Maria Borg Grech",** Prim'Awla (deciza 14 ta' Awissu 1995), **"Maria Carmela Zinn vs. Dr. Tonio Mallia et noe",** Prim'Awla (deciza 14 ta' Awissu 1995), **"Emanuel Camilleri vs. Carmen Camilleri",** Prim'Awla (Deciza 10 ta' Noevmbru 1995), u **"Evelyn Marshall vs. Dr. Simon Micallef Stafrace et noe",** Prim'Awla (deciza

14 ta’ Ottubru 1996) u diversi sentenzi ohra moghtija minn din il-Qorti hekk presjeduta li ghalihom qed issir referenza.

### iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi din il-kawza hija karatterizzata minn numru konsiderevoli ta’ kunflitti bejn ix-xhieda tal-kontendenti nnfishom, u sfortunatament ma gew prodotti l-ebda xhieda ohra li setghu jghinu biex jikkorroboraw ix-xhieda ta’ parti jew ta’ ohra u dan huwa certament nuqqas kbir f’dawk li huma l-allegazzjonijiet attrici, *stante* li l-oneru tal-prova jispetta fuq l-attur u dan anke’ fid-dawl tal-presunzjoni favur il-validita’ taz-zwieg.

Illi fil-fatt l-unika punti li fuqhom qablu l-kontendenti huma illi huma izzewgu wara zmien relattivament qasir wara li bdew johorgu flimkien (jidher li circa sena u nofs wara), pero’ kienu jinhabbu w illi waqt l-gherusija huma ftit li xejn kienu jiltaqghu minhabba x-xoghol taghhom it-tnejn.

Illi pero’ mbaghad it-tnejn jattribwixxu l-falliment taz-zwieg taghhom ghal ragunijiet djametrikament opposti: l-attur jallega li hu dejjem kien ragel mizzewweg ezamplari u li l-konvenuta kienet ghajjura u possessiva b’mod eccessiv fil-konfront tieghu, u jallega wkoll li l-konvenuta kienet tbati minn xi mard mentali jew ghall-inqas disturbi psikici, fil-waqt li l-attrici tallega li hija kienet mara mizzewga ezemplari, izda li l-attur baqa’ jgib ruhu qisu kien guvni fis-sens li baqa’ johrog mal-klikka tal-hbieb li kellu fil-hanut tieghu, baqa’ jixrob iktar milli suppost u jqatta’ hinijiet eccessivi x-xoghol u mal-hbieb, u cirka wara seba’ snin zwieg ikkommetta adulterju.

Illi fid-dikjarazzjoni tieghu mac-citazzjoni, l-attur jghid illi:

(1) ghalkemm waqt l-gherusija huwa hass li ried jitlaq lill-konvenuta, huwa kompla maghha minhabba r-rapporti intimi li kien hemm bejniethom;

(2) illi tul iz-zwieg taghhom huma qatt ma ghexu hajja ta’ mizzewgin. Il-kontendenti kienu jghixu hajja totalment seperati minn xulxin. L-esponenti jopera l-hanut

Napoleon's Club u l-konvenuta kienet tghix hajjitha gewha darha;

(3) Illi wara sena zwieg tal-kontendenti kien sfaxxa fix-xejn u ir-rapport sesswali taghhom kien prattikament inezistenti.

Illi pero' dawn it-tliet asserzjoni, gew kontradetti mill-attur stess fix-xhieda li sussegwentement huwa in kontro-ezami fejn qal hekk:

(1) illi huwa *"lill-mara dejjem habbejtha";*
(2) mistoqsi jekk ridt jizzewweg lil martu, wiegeb *"kieku ma kontx nizzewwigha";*
(3) *"Jiena l-familja ma kien jonqosha xejn. Meta l-mara kienet marida, kont indur biha wkoll";*
(4) *"Jiena ma kontx niddejjaq illi x'naqsam mal-mara. Kont infittex li jkolli x'naqsam mal-mara";*
(5) *"Nikkonferma li fl-ewwel seba' snin taz-zwieg ma kienx hemm infedelta min-naha tieghi u lanqas min-naha taghha, sa fejn naf jiena";*
(6) *"Nghid li fl-gherusija ma kellnix problemi. Il-kwistjonijiet bdew wara li zzewwigna";*
(7) *"Nghid ghalija, nghid illi jiena kont kuntent. Lili l-mara qatt ma qaltli li ma kinitx kuntenta pero' nghid illi lili l-mara ma kinitx thallini niccaqlaq – la nista' mmur nara loghba football u lanqas xi tigrija taz-zwiemel – id-dar biss".*

Illi fl-opinjoni tal-Qorti fid-dawl tal-kontradizzjonijiet fuq imsemmija u anki tax-xhieda tal-konvenuta, ma hemmx provi illi l-attur b'xi mod hassu kostrett jizzewweg lill-konvenuta ghaliex hassu "dipendenti" fuq ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom.

Illi min-naha l-ohra, l-konvenuta tghid li sa minn zmien l-gherusija, il-konvenut kellu problema bix-xorb. Pero' fix-xhieda tieghu, l-attur ma jsemmi mkien li hu kellu xi problema tax-xorb. *In oltre*, skond il-konvenuta stess ghalkemm tghid illi l-attur kien ihobb imur il-bars jixrob u li wara z-zwieg gieli dahal id-dar xurban, fl-istess hin tammetti illi ma kinitx tikkunsidrah bniedem alkoholiku jew

dipendenti fuq ix-xorb, ma kienx jidhol id-dar jitbandal u lanqas kien ikun vjolenti. Ghalhekk, anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument wiehed kellu jaccetta l-verzjoni tal-konvenuta li l-attur kien ihobb jixrob, ma jidhirx illi din il-problema kienet ta' gravita' tali li setghet taffettwalu d-diskrezzjoni tal-gudizzju tieghu fil-mument li hu ta l-kunsens tieghu.

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-kontendenti ddecidew li jizzewgu xi sena u nofs wara li saru jafu lil xulxin, u t-tnejn jaqblu li ma kienux iqattghu hafna hin fil-kumpanija ta' xulxin, dan ma jfissirx awtomatikament li kien hemm in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kontemplat mil-ligi. Il-konvenuta tghid li huma ma kellhomx preparazzjoni ghaz-zwieg. Il-kors ta' Kana ma ghamlux u *"lanqas kellhom zmien bizzejjed ta' gherusija biex inkunu nafu lil xulxin, fis-sens li ghalkemm domna sentejn flimkien ma ghamilnix perjodu bizzejjed twil biex ikollna relazzjoni stabbli."*

Illi pero' fl-istess hin il-konvenuta tammetti illi *"anki meta hares lura nibqa' nghid illi minkejja d-difetti jiena kont inhobbu u xorta lilu kont nizzewweg."*

Illi din il-Qorti tirrileva wkoll li fid-data taz-zwieg l-attur kellu 30 sena u l-konvenuta kellha 23 sena. Il-kaz tal-konvenuta, hija kienet ghamlet hames snin u nofs gharusa lil haddiehor qabel, u mbaghad hassret. Fix-xhieda taghhom iz-zewg kontendenti qablu li kienu jinhabbu u kien ghalhekk li zzewgu. Il-konvenuta kellha hafna avvertimenti minghand il-familjari w il-hbieb taghha rigward l-attur. Izda hi baqghet tinsisti li tkompli l-gherusija ghaliex hi tghid li hlief ghall-problema tax-xorb, il-karattru tieghu maghha kien sabieh hafna u tghid li wara z-zwieg kemm il-familjari kif ukoll il-hbieb taghha saru jhobbuh u jirrispettawh. Jidher li l-oggezzjoni principali tal-familjari u hbieb kienet minhabba d-differenza fil-klassi socjali.

Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' l-Qorti, ma hemmx provi sufficjenti biex juru li xi wiehed mill-kontendenti ma kellux il-minimu ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga u l-obbligi li din tinvolvi rikjest mill-ligi u mill-

gurisprudenza. L-iktar li jista' jinghad hu li l-kontendenti ghagglu xi ftit fid-decizjoni taghhom minhabba l-imhabba li kellhom ghal xulxin. Pero' l-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dment li jirrizulta li l-partijiet kienu konxji sew ta' dak li kienu qed jaghmlu anke' fil-kuntest tad-difetti ta' kull parti.

Illi '*n oltre*, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li lanqas ma hemm provi sufficjenti fis-sens li wara z-zwieg, xi parti ma assumietx l-obbligi taghha ta' ragel u mara mizzewweg/a, anzi mill-provi prodotti jirrizulta l-kuntrarju.

Illi ghalkemm il-konvenuta tallega li wara z-zwieg l-attur baqa' jgib ruhu ta' guvni fis-sens li jqatta' hafna hin mal-hbieb u jixrob fil-bars, dan huwa kontradett mill-attur innifsu, li min-naha tieghu jghid li hu dejjem assuma l-obbligi tieghu u jallega li l-problema kienet li l-konvenuta kienet possessiva u ghajjura. Fl-istat tal-provi li hu, il-Qorti ma' thossx li hemm provi sufficjenti biex tikkonkludi li l-attur kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *ai termini* tal-ligi.

Illi min-naha l-ohra, l-attur jallega li l-konvenuta kienet taht il-kura psikjatrika tal-Professur Abraham Galea, u li l-ugiegh ta' rasijiet li kienet allegatament tbati bihom il-konvenuta waqt l-gherusija setghu kienu relatati ma' xi problema mentali. Minkejja x' inkonsistenzi fix-xhieda taghha, il-konvenuta ammettiet li hija setghet marret ghand il-psikjatra Abraham Galea wara t-twelid tat-tifla minhabba *post-natal depression*, u/jew li setghet ukoll marret ghandu – kif marret ghand konsulenti ohra – minhabba l-problemi li kellha fiz-zwieg. Pero' hi nnegat li kienet issofri minn xi ugiegh ta' ras. Sfortunatament, minhabba t-trapass taz-zmien, il-Professur Abraham Galea ma setghax jikkonferma jekk xi darba l-konvenuta kinitx pazjenta tieghu. Ghalhekk, fl-istat tal-provi li hu, fl-opinjoni ta' l-Qorti ma hemmx provi bizzejjed biex tikkonkludi li fil-mument tal-kunsens il-konvenuta kienet

qieghda tbati minn xi kundizzjoni mentali li affettwatilha d-diskrezzjoni tal-gudizzju taghha.

Illi rigward l-allegazzjoni ta' l-attur li l-konvenuta kienet possessiva u ghajjura b'mod eccessiv, din l-allegazzjoni hija kontradetta mill-konvenuta, u fi kwalunkwe kaz ma hemmx prova li din l-possessivita' u l-ghira kienet tezisti fi zmien l-gherusija. L-attur innifsu ammetta illi fl-gherusija ma kienx hemm problemi u li l-kwistjonijiet bdew wara li zzewwigu. Dan jindika b'mod car li anki ghall-attur innifsu, z-zwieg thassar minhabba problemi li qamu wara z-zwieg u m'hux ghal problemi dovuti ghal nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet.

Illi jidher li l-kagun ta' parti kbira mill-problemi kienet illi l-hinijiet twal li l-attur kien iqatta' jiggestixxi n-negozju tieghu. Minkejja l-intenzjonijiet tajba li l-attur seta' kellu – cioe' li jaqla' l-hobza ta' kuljum ghall-familja – kien inevitabbli li l-gestjoni tal-hunut tax-xorb sebat ijiem fil-gimgha ghal hinijiet twal minnu personalment ikollha effett negattiv fuq il-kommunikazzjoni bejn il-kontendenti u l-hajja matrimonjali taghhom. Huwa naturali li minn din il-problema fundamentali ta' nuqqas ta' kommunikazzjoni jiskaturixxu problemi ohra konsegwenzjali. F'dan il-kuntest, huwa facli li l-allegati possessivita' u l-ghira eccessivi tal-konvenuta gew kagunati minn din in-nuqqas ta' kommunikazzjoni u mis-suspett taghha – fondat jew mhux – li l-attur kellu relazzjoni ma' mara ohra.

Illi ghalhekk '*n vista* tas-suespost u fl-istat tal-provi li hu, fl-umli opinjoni ta' l-Qorti ma hemmx provi bizzejjed biex tikkonkludi li l-ghoti tal-kunsens taz-zwieg ta' l-attur u/jew l-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *ai termini* tal-ligi.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (f)** dan jitkellem dwar *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg (simulazzjoni totali jew parzjali)".*

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti mix-xhieda tal-partijiet turi biccar illi hadd minnhom ma’ eskluda pozittivament iz-zwieg jew xi element essenzjali taz-zwieg anzi mill-provi jirrizulta li t-tnejn izzewgu bl-intenzjoni li jkunu fidili lejn xulxin u jidher li hekk gara ghal numru ta’ snin.  Anki jekk – ghall-grazzja tal-argument – wiehed jaccetta l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur beda relazzjoni ma’ mara ohra waqt li kienu ghadhom jghixu flimkien, dan gara snin wara z-zwieg, u m’hemm xejn x’jindika li meta zzewgu l-attur kellu intenzjoni li ma jkunx fidil lejn martu.

Illi lanqas hemm l-icken prova li xi hadd mill-kontendenti eskluda li jkollu tfal minn dan iz-zwieg, u ghall-inqas sakemm damu jghixu flimkien, t-tnejn accettaw u hadu hsieb it-tifla taghhom. Lanqas hemm xi prova li xi hadd mill-kontendenti izzewweg bl-intenzjoni li jeskludi l-att taz-zwieg, jew li kien hemm xi problemi fir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom.

Illi ghalhekk mill-kumpless tal-provi jirrizulta li kontendenti zzewgu ghaliex kienu jhobbu lil xulxin u li konsegentement riedu jqattghu l-bqija ta’ hajjithom flimkien, u ssegwi li *‘n vista* tas-suespost u fl-istat tal-provi li hu, fl-opinjoni ta’ l-Qorti ma hemmx provi biex tikkonkludi li l-ghoti tal-kunsens taz-zwieg ta’ l-attur u/jew l-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi ghalhekk dan ifisser li n-nullita’ taz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti ma gietx pruvata,  u konsegwentement li t-talba ta’ l-attur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu.

Illi fl-ahharnett, ghal kull *buon fini*, l-Qorti tirrileva illi fic-certifikat taz-zwieg Dok. “A” anness mac-citazzjoni isem il-mara huwa indikat bhala “Monica” u mhux “Monika” kif indikat fl-okkju tac-citazzjoni.

Illi din il-Qorti tinnota wkoll li wara l-prezentata tar-rapport hadd mill-partijiet ma’ pprezenta l-ebda nota ta’ kritika jew

ta’ osservazzjonijiet fit-termini moghtija fid-digriet datat 29 ta’ Ottubru 2003.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tichad it-talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

BI-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------